[stamp]

# il-Gżejjer

It-Tlettax-il Sena 2/84

# Il-Poplu Malti għad ibierek lill-Gvern Soċjalista għall-kuraġġ tiegħu biex iwettaq il-Prinċipju ta' Tagħlim b'Xejn għal ulied il-Poplu.

*(Siltiet minn diskorsi tad-Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru ta' l-Edukazzjoni dwar il-Kwistjoni ta' l-Iskejjel Privati)*



"Jekk xi ħadd f'Malta ma jridx li l-iskejjel tiegħu jibqgħu miftuħin sabiex jagħti t-tagħlim b'xejn, il-Gvern Soċjalista jassigura lill-għalliema u lill-ġenituri tat-tfal li jmorru f'dawn l-iskejjel li huwa lest jidħol għal dan il-piż.

**"Il-Gvern Soċjalista jrid li jwettaq bidla fil-qasam tat-tagħlim biex b'hekk isaltan il-Prinċipju ġust, Nisrani u Soċjalista li t-tagħlim għandu jkun b'xejn għal kulħadd. Dan il-Prinċipju se jitwettaq din is-sena fil-qasam tat-tagħlim sekondarju biex b'hekk f'pajjiżna ma nħallux lil min li mit-tagħlim jagħmel negozju.**

"Il-Gvern irid li l-poplu jifhem, jaċċetta u jħaddan il-Prinċipju li t-triq il-ġusta hi li t-tagħlim ikun b'xejn.

"Min irid li f'Malta jżomm skola u jagħti t-tagħlim għaliex jgħid li għandu dritt, aħna ma nċaħħduhx minn dan id-dritt, **imma dan irid jaċċetta, iħares u jwettaq il-Prinċipju li t-tagħlim fl-iskejjel tiegħu jingħata b'xejn.**

"Il-Knisja f'Malta għandha dritt ikollha l-iskejjel tagħha. Imma għandha d-dmir, biex taqdi dak id-dritt, illi tagħti mill-ħafna u ħafna ġid li għandha biex

it-tagħlim fl-iskejjel tagħha jkun b'xejn. Il-Gvern mhux qed jgħid li l-Knisja m'għandhiex ikollha l-iskejjel tagħha, iżda jrid li l-Knisja tagħti mill-ġid li għandha biex it-tagħlim fl-iskejjel tagħha jkun b'xejn.

**"Meta l-Knisja tagħmel dan, il-Gvern jagħmel dak li qed jagħmel ma' l-iskola ta' Sant'Agata tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl tar-Rabat, li qed tieħu s-sussidju tal-Gvern għaliex qed tagħti tagħlim b'xejn.**

"Mhux veru l-gidba li qed jgħidu li l-Gvern Soċjalista jrid jagħlaq l-iskejjel tal-Knisja. Lill-għalliema ta' l-iskejjel tal-Knisja l-Gvern lest li jassiguralhom l-impieg tagħhom fl-iskejjel, għalhekk huwa fl-interess tagħhom li jikkoperaw mal-Gvern biex it-tagħlim f'dawn l-iskejjel ikun b'xejn.

"Lill-ġenituri l-Gvern Soċjalista jgħidilhom li jekk huma lesti jikkoperaw mal-Gvern, isibu lill-Gvern lest biex jilliberahom mill-piż tal-miżati. Lill-għalliema u ġenituri ngħidulhom biex ma jagħtux widen ta' dawk li taparsi qed jaqbżu għad-drittijiet tagħhom imbagħad jaqbżu fil-verità għal dawk li ma jridux jerfgħu l-piż u r-responsabbiltà ta' l-iskejjel tagħhom.

**"Il-poplu Malti għad ibierek lill-Gvern Soċjalista għall-kuraġġ tiegħu biex iwettaq il-Prinċipju ta' Tagħlim b'Xejn għal ulied il-poplu.**

**"Il-Gvern mhux lest li jiddiskuti mal-Knisja dwar il-Prinċipju tat-tagħlim b'xejn għal kulħadd, għaliex dan il-prinċipju issa jrid jitwettaq.** Il-Gvern ilu tliet snin sħaħ jistenna lill-Knisja biex taċċetta dan il-Prinċipju. Issa għadda żmien biżżejjed u jekk se jsiru taħditiet dawn ikunu biss dwar kif ser jitwettaq dan il-Prinċipju.

"Il-Gvern Soċjalista qed jiġġieled il-ġlieda tal-poplu Malti kontra dawk li dejjem ħadmu kontra l-interessi tal-poplu Malti. Għax tkun kontra l-poplu Malti meta teħodha kontra l-Gvern għaliex irid li l-poplu jkollu t-tagħlim b'xejn; għax qed jgħid lill-Knisja Maltija, **li hija l-aktar waħda għanja u għandha ġid u proprjetà fid-dinja,** biex tagħti ftit minn dak li ħadet mingħand il-poplu; jew għax jgħid lill-Knisja biex fl-iskejjel tagħha t-tagħlim ikun b'xejn għal kulħadd billi toħroġ ftit mill-ħafna ġid li għandha.

"Il-ġlieda għat-tagħlim b'xejn fl-iskejjel tal-Knisja ma bdietx illum b'kapriċċ iżda din kellha l-bidu tagħha aktar minn ħamsin sena ilu meta Strickland kien ipprova jfiehem lill-Knisja f'Malta li kien id-dmir tagħha li tgħin lil min hu fil-bżonn.

"Din hija ġlieda għall-progress li l-poplu Malti qed jiġġieled kontra l-forzi reazzjonarji u l-forzi tad-dlam f'pajjiżna. Strickland ried li l-Knisja tintrabat li tuża l-ġid tagħha biex l-iskejjel li għandha jinfetħu wkoll għal ulied il-poplu. Iżda dan ma ġiex aċċettat mill-Knisja u Strickland ma kellux is-saħħa, il-forza u d-determinazzjoni li għandu l-Moviment tal-Ħaddiema biex din it-talba ma tkunx biss xewqa iżda issir realtà.

"U dan se jsir din is-sena bis-saħħa tal-ħaddiema magħqudin fil-Moviment tal-Haddiema.

**"Jekk verament l-iskejjel tal-Knisja qegħdin hemm għall-formazzjoni tal-karattru tajjeb, għalfejn l-orfni u t-tfal fl-istituti tal-Knisja ma jintbagħtux f'dawn l-iskejjel tal-Knisja u mhux fl-iskejjel tal-Gvern kif qed isir? Għalfejn il-Knisja qed tagħmel din id-diskriminazzjoni kontra dawk stess li hija qed tieħu ħsieb?**

"Ir-responsabbiltà ta' l-iskejjel privati l-Arċisqof ilu li assumiha u din il-ġlieda hija kollha tort tiegħu għaliex kien hu li sfratta l-ftehim li sar mir-rappreżentanti ta' l-iskejjel reliġjużi li kien sar fl-1 ta' Ottubru, 1980 mal-Gvern Soċjalista. Dak in-nhar huwa warrab lir-rappreżentanti ta' l-iskejjel privati u qalilhom li dak li huma ftehmu mal-Gvern ma kienx jaqbel miegħu. Il-Federazzjoni tal-Għalliema u Ġenituri ta' dawn l-iskejjel ilhom li ġew imwarrbin mill-Isqof għaliex lanqas kellu fiduċja f'dak li għamlu u ftehmu.

**"Dawk l-iskejjel li l-Knisja se żżomm miftuħa mingħajr ma tiċċarġja flus dawn mhux biss m'hemmx kwistjoni fuqhom imma l-Gvern ikun lest li jgħinhom bis-sussidji. Il-Gvern lest li jagħmel dan ma' dawk l-iskejjel reliġjużi li juru li m'għandhomx mezz u għandhom bżonn l-għajnuna tal-poplu.**

"Il-Gvern jgħid li m'hemmx kwistjoni dwar il-Prinċipju ta' tagħlim b'xejn għal kulħadd fil-qasam tat-tagħlim sekondarju. Dan il-Prinċipju jitwettaq din is-sena. Lok għal diskussjonijiet hemm biss dwar kif dan il-Prinċipju se nwettquh.

"L-iskejjel reliġjużi fil-qasam tat-tagħlim sekondarju jew jitmexxew b'xejn mill-Arċisqof li daħal responsabbli hu għalihom jew inkella jitmexxew b'xejn mill-poplu.

"L-FPTA qed tgħid li jekk nibqgħu mexjin bil-pjanijiet li għandna se ntellfu l-karattru, l-identità u l-awtonomija ta' l-iskejjel privati. **Jekk l-iskola ta' Sant'Agata tar-Rabat ma tilfet xejn minn dawn allavolja l-Gvern qed jgħinha finanzjarjament għalfejn għandhom jintilfu dawk ta' l-iskejjel l-oħra.** Din mhi xejn ħlief skuża, gidba u qerq. Dawn qalu wkoll li jekk l-iskejjel privati jaqgħu f'idejn il-poplu se ntellfu l-għażla tal-ġenituri. **Dan mhux veru għaliex b'hekk il-ġenituri jkollhom dritt tal-għażla akbar għax ma jkollhomx għalfejn iħallsu għall-iskejjel u b'hekk l-għażla tkun mifruxa aktar.**

"Il-Federazzjoni tal-Ġenituri u Għalliema

## Ftehim milħuq fl-1 ta' Ottubru, 1980 bejn il-Prim Ministru Dom Mintoff u l-"Private Schools Association"

Saret laqgħa fil-Berġa ta' Kastilja fl-1 ta' Ottubru 1980 bejn il-"Private Schools Association" u l-Prim Ministru tar-Repubblika ta' Malta.

Wara d-diskussjonijiet, intlaħaq ftehim fuq il-punti mniżżlin hawn taħt:—

1. Il-prinċipju hu aċċettat li meta wieħed igħid li ma jsirx profitt minn dawn l-iskejjel wieħed ikun jifhem li anki dak il-qligħ li jerġa' jintuża biex jitkabbru l-iskejjel jissejjaħ profitt.

2. Li fejn diġà hemm skejjel immexxija b'xejn mill-Gvern l-iskejjel privati ma jżidux fin-numru ta' l-istudenti u fejn diġà hemm duplikazzjoni, l-iskejjel privati jnaqqsu bil-mod il-mod in-numru.

3. Li dwar il-*capitation grant* tat-tliet xhur bejn l-Għid u s-sajf ta' l-1980 il-Gvern lest biex joħroġ, lira għal kull lira li joħorġu l-awtoritajiet tal-Knisja basta l-Gvern ma jerfax aktar min-nofs li jitla' l-*capitation grant*.

4. Li l-miżati fl-iskejjel privati primarji ma jogħlewx; il-miżati fl-iskejjel sekondarji ma jitilgħux b'aktar minn £M21 fis-sena, u jsir kull sforz ħalli l-Kindergarten kollha privati jsiru b'xejn.

5. Li 'l quddiem, jerġgħu jsiru taħditiet dwar:

(i) kif l-iskejjel privati jnaqqsu min-numru ta' studenti ġodda;

(ii) il-mod kif il-Gvern jagħti għajnuna fejn ma jkollux diġà skejjel b'xejn tiegħu u li dan ikun ukoll imsaħħaħ bi flus maħruġa mill-Knisja;

(iii) it-triqat li għandhom jinstabu ħalli l-Knisja tagħti mill-flus tagħha.

m'għandha l-ebda dritt tibqa' tinsisti li qed titkellem f'isem l-għalliema għaliex l-MUT tathom direttiva biex jiffirmaw. L-FPTA qed tħares l-interessi tal-Knisja u mhux tal-ġenituri.

"Il-kwistjoni kollha issa hi li minn Settembru li ġej l-iskejjel reliġjużi **se jkunu b'xejn** u li fadal issa naraw kif il-Knisja se tagħmel biex ikunu bla ħlas.

"Ngħiduha bla tlaqliq li lill-Knisja rriduha tħallas għall-iskejjel. Bħala Soċjalisti ġenerużi u Insara ngħinu lill-iskejjel jekk ma jkunx hemm flus iżda l-ewwel piż hu fuq il-Knisja.

"Aħna konvinti li l-iskejjel reliġjużi għamlu profitti kbar għaliex kieku kif inbnew dawk l-iskjjel kollha u l-palazzi kollha li għandhom madwarhom. **Din hi l-akbar prova li għamlu qligħ u mhux telf.**

**"Il-Gvern Soċjalista jappella:—**

- lill-ġenituri biex jifhu għajnejhom li l-Gvern mhux kontrihom, anzi qed jiġġieled il-ġlieda tagħhom
- lill-istudenti biex ma jiġux imxewxa u ingannati
- lill-forzi kollha li fl-imgħoddi riedu l-progress fosthom li Stricklandjani biex jiftakru li 50 sena ilu Strickland kien diġà ħaseb biex il-Knisja tagħti tagħlim b'xejn
- lis-Saċerdoti qalbiena li jixtiequ li l-Knisja tissaffa u ssir kif riedha min waqqafha biex dawn jissieltu minn ġewwa ħalli fl-aħħar il-Knisja Maltija titnaddaf

**"Jekk dawn il-forzi kollha jingħaqdu magħna f'din il-ġlieda, ma jkun hemm ebda dubju li l-ġlieda tintrebaħ ħafna aktar malajr u jitwettqu r-riformi."**

# Il-Kap ta' l-Oppożizzjoni ma Jilqax Sfida għal Dibattitu fuq it-Television

**Fis-seduta tal-Parlament ta' nhar l-Erbgħa, 22 ta' Frar, 1984, id-Deputat Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi u Dwana, is-Sur Wistin Abela, għamel stqarrija dwar "Investigazzjonijiet dwar Dħul Illegali f'Malta ta' 'Whisky' u Oġġetti oħra".**

"Mr Speaker,

"Jien diġà kelli okkażjonijiet oħra f'din il-Kamra fejn urejt biċ-ċar kif jaħsibha l-Gvern Soċjalista fuq il-kuntrabandu.

"Għidt li l-poplu jaf x'sab il-Gvern Soċjalista meta tela' fl-1971 —**sab kuntrabandu kważi legalizzat li kien jitwettaq saħansitra fil-kmamar tal-Parlament** — għidt ukoll x'għamel il-Gvern Soċjalista biex naqqas u xejjen dan il-kuntrabandu. Għamel liġijiet, fassal regolamenti u ħa prekawzjonijiet billi għamel għassa madwar il-gżejjer bil-'patrol boats' u l-'helicopters', billi waqqaf ir-Revenue Security Corp u l-aktar importanti billi ħa l-passi kollha meħtieġa kull meta kien hemm l-abbuż.

**"Tennejt fid-dibattitu ta' l-Estimi li l-Gvern Soċjalista ser ikun iebes ma' min irid jisraq lill-poplu Malti billi jaħrab id-dazju u jagħmel il-kuntrabandu.**

"Wara li għedna dan kollu, kont nistenna min jikkritikana li kieku aħna b'xi mod għalaqna għajnejna għall-kuntrabandu u ħellejnieh għaddej; **imma qatt ma kont nistenna li hawn min hu daqshekk politikament diżonest li anki wara li ħadna l-passi kollha kontra min naqas, irid jagħti l-impressjoni lill-poplu li l-Gvern mhux qed jaqdi dmiru imma jrid jgħatti u jaħbi.**

"Mr Speaker, jien naf li l-Oppożizzjoni Nazzjonalista u l-Kap ta' l-Oppożizzjoni ma jitilfux okkażjoni waħda biex jippruvaw iħammġu lill-Gvern Soċjalista. Naf ukoll x'jgħid il-qawl Malti għal min l-għaxqa tiegħu hu li jgħajjar lil ħaddieħor bid-dnubiet li jkollu hu — inħoss li m'għandix nikkwotah hawn ġew.

"Qed nirreferi Mr Speaker għad-diskors tal-Kap ta' l-Oppożizzjoni fil-Kalkara, is-Sibt, 18 ta' Frar, wara 'build-up' fil-gazzetti Nazzjonalisti, rigward x'qed tagħmel il-Pulizija dwar id-dħul illegali f'Malta ta' 'whisky' u oġġetti oħra.

**"Fuq dan is-suġġett li irrefera għalih il-Kap ta' l-Oppożizzjoni, rrid ngħidlu — lill-Kap ta' l-Oppożizzjoni — li jien lest, u ta' dan għandi l-qbil ta' sħabi, li nagħmlu debate f'din il-Kamra. B'hekk, dak li l-Kap ta' l-Oppożizzjoni għandu xi jgħid, jgħidu f'din il-Kamra u nweġbuh, u mhux joqgħod inissel id-dubju u jitfa' t-tajn bl-addoċċ barra din il-Kamra. Hawn hu l-post fejn għandhom jiġu diskussi materji serji u ta' importanza. Nistenna li kif nispiċċa din l-istqarrija, il-Kap ta' l-Oppożizzjoni jaċċetta u niftehmu meta nagħmlu dan id-'debate'.**

"Aħna m'għandnix x'naħbu; ħaddieħor għandu x'jaħbi.

"Għalissa ser insemmi l-fatti dwar id-dħul illegali tal-'whisky' u oġġetti oħra li l-Pulizija u d-Dwana qed jinvestigaw.

"F'Settembru 1983 il-Pulizija tal-Kontroll osservaw bejgħ ta' xorb bi prezzijiet aktar baxxi minn dawk normali. Il-Pulizija mill-ewwel bdiet tinvestiga flimkien mad-Dwana, u mill-investigazzjonijiet beda jidher li fis-suq kien hawn kwantità ta' xorb li fuqu ma kienx tħallas dazju.

"L-investigazzjonijiet komplew jinfirxu, tant li nħasset il-ħtieġa ta' għajnuna ta' Pulizija ta' diversi pajjiżi barranin. Dawn riedu wkoll jagħmlu t-tiftix tagħhom, u naturalment dan ma jsirx f'ħakka ta' għajn. Ħadna wkoll il-passi kollha meħtieġa amministrattivament, kemm biex l-abbuż jinqata' mill-ewwel u kemm biex jitħaffu l-investigazzjonijiet.

"Saru tfittxijiet fi tnejn u ħamsin post inklużi mħażen u ħwienet. Ġew interrogati xejn anqas minn 38 persuna, u sar eżami bir-reqqa ta' eluf ta' 'entries' tad-Dwana.

"Nista' ngħid li minn dak iż-żmien 'il hawn l-investigazzjonijiet ma qatgħux u għadhom ma spiċċawx. Fost ħwejjeġ oħra, qegħdin nistennew minn mument għall-ieħor informazzjoni meħtieġa minn pajjiżi barranin.

"F'wieħed mill-każi, il-provi kollha ġew miġbura u għalhekk il-każ seta' jitressaq il-Qorti. Fl-20 ta' Frar 1984 tressaq il-Qorti n-negozjant Andrew Ellul Sullivan u ġie akkużat li kellu fil-pussess tiegħu madwar tnax-il elf flixkun 'whisky' li fuqhom ma kienx tħallas dazju.

"Jien infurmat ukoll li huwa mistenni li ma jdumux ma jitressqu persuni oħra bħala riżultat ta' dawn l-investigazzjonijiet li qed jagħmlu l-Pulizija flimkien mad-Dwana.

"Iż-żmien li qed jittieħed fl-investigazzjonijiet m'hux biex ngħattu lil xi ħadd, kif ta x'jifhem il-Kap ta' l-Oppożizzjoni, imma biex ma jaħrab ħadd. Jaf il-Kap ta' l-Oppożizzjoni kemm diffikultajiet ikun hemm fl-investigazzjonijiet u kemm irridu nkunu ċerti mill-provi qabel ma jittieħdu l-passi bil-Qorti. Jien ma rridx li x-xogħol iebes li qed tagħmel il-Pulizija flimkien mad-Dwana biex taqbad lil min għamel dan l-abbuż, li ma hux żgħir, jiġi mħarbat mill-proċeduri fil-Qorti tagħna.

"Mhux l-ewwel darba li kellna każi bħal dawn, li aħna konna konvinti li qbadna lill-ħatjin u mmorru l-Qorti u nitilfuhom. F'każ serju bħal dan irridu inkunu aktar minn ċerti li għandna l-provi kollha meħtieġa.

"Għalhekk mhux sew li l-poplu jiġi mqarraq u mkeskes mid-diskors u l-kitba irresponsabbli tal-membri tal-Partit Nazzjonalista u tal-Kap ta' l-Oppożizzjoni, dwar każi ta' kuntrabandu, meta nafu li kienu l-Pulizija stess li sabuhom u li l-Gvern għamel u qed jagħmel minn kollox biex jikxef il-ħatjin.

"Id-dover ta' l-Oppożizzjoni u tal-Kap mhuwiex li jipprovaw jitfgħu dubji fuq l-intenzjoni tagħna, meta qed nagħmlu s-sew, imma li jgħinu ħalli naqbdu mhux biss lil min illegalment daħħal il-'whisky' u oġġetti oħra, imma anke lil min daħħal bil-moħbi, bla dazju, b'kuntrabandu, l-armamenti qerrieda.

"Illum li nafu dan kollu u qed infittxu bla heda biex insiru nafu aktar, tajjeb li nistaqsi lill-Kap ta' l-Oppożizzjoni kif seta' kellu suspetti li xi ħadd qed jisraq flus il-poplu u ma ġiex hawn fil-Parlament jitkellem dwarhom jew għall-anqas jgħidilna kunfidenzjalment.

**"Qatt il-Kap ta' l-Oppożizzjoni kellimni fuq dan il-każ jew fuq xi ħaġa simili? Qatt. Qatt xi ħadd minn sħabu qalli xi kelma dwar dan il-każ jew fuq xi kuntrabandu ieħor? Qatt. Qatt xi ħadd mill-ħbieb tiegħu qallu li qalli biex nieħu passi u jien ma ħadtx? Qatt ma kellimni fuq hekk. Iqum issa l-Kap ta' l-Oppożizzjoni u jgħid jekk qiegħedx ngħid il-verità! Allura jekk dan qatt ma għamlu, għalfejn jipprova iħammeġ?**

"Dan qed ngħidu Mr Speaker, biex issa l-Kap ta' l-Oppożizzjoni ma jmurx jgħid li dawn l-affarijiet kellu jgħidhom barra mill-Parlament, għax ikun qalilna u ma tajniex każu.

"Nassigura lill-Kamra u lill-poplu Malti, u dan qed ngħidu f'isem sħabi kollha, li l-investigazzjonijiet ikomplu sejrin u li jittieħdu l-passi kollha meħtieġa ħalli kull min jinstab ħati jieħu l-kastig mistħoqq, u dan, mhux biss f'dan il-każ, imma anke fil-każi kollha simili, minkejja t-tfixkil u t-tixwix tal-Partit ta' l-Oppożizzjoni."

---

**Wara din l-istqarrija, kien hemm diversi interventi mill-Prim Ministru u l-Kap ta' l-Oppożizzjoni:**

ONOR. FENECH ADAMI: Mr Speaker, għannom ta' l-Oppożizzjoni ngħid li din in-naħa tal-Kamra hija ppreparata li tieħu parti f'Kumitat ta' din il-Kamra li jinvestiga allegazzjonijiet ta' korruzzjoni bis-serjetà, kumitat tal-Kamra li jkollu l-inkarigu preċiż li jara fuq każijiet ta' korruzzjoni li jistgħu jkunu a konjizzjoni ta' Membri ta' din il-Kamra, jinvestigahom u jirrapporta lil din il-Kamra.

ONOR. DOM MINTOFF: Qabel ma aħna naraw in-neċessità li nagħmlu Kumitat aħna rridu nkunu nafu għaliex f'daqqa waħda l-Oppożizzjoni marret il-Kalkara u bdiet tattakka u tgħid li jrid ikun Gvern Nazzjonalista biex inaddaf lil Malta, meta huma jafu kemm kienet maħmuġa Malta fi żmien Gvern Nazzjonalista u din Malta kienu jafu li hi maħmuġa u jħalluha maħmuġa u ħadd qatt ma ħa l-iċken pass. Aħna lesti biex nilqgħu anke dan is-suġġeriment imma wara li jsir 'debate' fuq it-'television' minn hawnhekk fejn aħna ngħidu x'għamilna u huma jgħidulna għaliex jaħsbu li Gvern Nazzjonalista biss jista' jnaddafha Malta wara r-rekord maħmuġ u nittien li għandhom fis-snin li għaddew.

Mela nistaħbew u issa trid li nagħmlu Kumitat! Għax ma ġejtx qabel bis-suġġeriment ta' Kumitat, mela issa?! Fuqhiex? Għaliex nagħmel Kumitat? Mela meta qed nieħdu l-passi kollha li għandhom jittieħdu, noqgħod inġib l-Oppożizzjoni miegħi jien, biex nagħmel Kumitat? Ejja l-ewwel nagħmlu

'debate' ħalli inti tipprova x'serjetà kellek il-Kalkara meta ridt titfa' t-tajn fuqna. Nagħmlu dak u, jekk veru, imbagħad nagħmluh. Anke jekk mhux veru nagħtihulek ukoll Kumitat. Imma l-ewwel inti għamel id-dover tiegħek u dak li għidt fil-Kalkara ejja għidu hawnhekk, għidu quddiem il-poplu Malti kollu, għidu fuq it-'television', dak it-'television' li tmur tgħid barra int li aħna ma nħallukx titkellem fuqu. Għidu kollu hawnhekk. Nagħmlu debate, f'liema ġurnata trid hawn u kemm il-ġurnata trid ħalli inti turina fejn aħna maħmuġin u fejn aħna ma naddafnix. Meta tkun għamilt dan, anke jekk ma turi xejn minn dan kollu xorta nagħmluh il-Kumitat, imma l-ewwel għamel id-dover tiegħek.

ONOR. FENECH ADAMI: Mr Speaker, kif għidt kemm-il darba fil-pubbliku u nerġa' ngħidu hawn, għandu jkun interess ta' kulħadd biex ikun hawn il-konvinzjoni li f'Malta m'hawnx korruzzjoni. Il-konvinzjoni għal min qed igħix f'Malta u tkun realista hi li bil-maqlub, mhux kwestjoni il-Gvern ħax passi jew ma ħax. F'ċerti affarijiet ħa passi, f'ċerti affarijiet ma kenux passi effiċjenti biżżejjed u l-allegazzjoni li tibqa' tagħmel l-Oppożizzjoni sakemm jidhrilha li hu hekk, hija li l-korruzzjoni għada ma nqerditx wara ta' tlettax-il sena ta' Amministrazzjoni minn dan il-Gvern. Dan li jingħad u biex verament wieħed jindaga u jara jekk f'pajjiżna hawnx korruzzjoni ta' kull kwalità, mill-affarijiet żgħar sa affarijiet ħafna ikbar, inklużi ta' min jikteb l-ittri biex igħid t-television tal-kulur se nibgħatuhulek id-dar, u nklużi jekk iħallsux xi flus biex it-television jibgħatuhulek id-dar, dawn jekk iridu aħna bis-serjetà nagħmlu Kumitat li jieħu ż-żmien tiegħu u ninvestigaw bis-serjetà u l-poplu jkun jista' jasal f'konklużjoni . . . .

ONOR. DOM MINTOFF: Mr Speaker, aħna mhux qed nilagħbu l-bżallu. Il-Kap ta' l-Oppożizzjoni mar il-Kalkara, għamel ċerti allegazzjonijiet fuq il-kuntrabandu u fuq dan hemm li statement il-lejla. Inutli issa noqogħdu ngħidu television tal-kulur u ittri u dawn l-affarijiet kollha. Dawk jista' jqajjimhom f'mumenti oħrajn u narawhom ukoll. L-ewwel naraw dan, naraw fejn il-Gvern naqas fuq xi kuntrabandu. U mhux mar jixħet it-tajn il-Kalkara! Kieku kien raġel hawnhekk igħid: Isma' jien issuspettajt. Kulħadd għandu dritt jissuspetta, imma mhux tixħet it-tajn. Nagħmlu dak, nagħmluh fuq it-television, nagħmluh 'confined' fuq dak li qal. Mhux issa se niftħu fuq l-affarijiet kollha ta' Malta, jekk xi ħadd ħax it-telephone qabel l-ieħor, jekk dan ħax television tal-kulur u ma ħax tal-kulur. Dak għandek dritt tgħidu, imma mhux fuq dan is-suġġett. Hawn qed taħrab mis-suġġett. Hawn qed tagħmel minn kollox inti biex issa tgħatti dak li għamilt. U mhux se tgħattih magħna, bħalma mhux se tgħatti l-armamenti kif ġew f'Malta, min tahomlkom . . . . Kollox mhux se tgħatti. Dak narawh wara. Kollox naraw. Imma issa quddiemek inti għandek dan il-każ tal-Kalkara. Qegħdin **nisfidawk** hawnhekk biex tiġi tgħid. Qed inwiegħdek jiena, — anke jekk fuq dan ma tipprova xejn — illi dan il-kumitat li trid tagħmel fuq abbużi ta' kuntrabandu lesti biex nidħlu fih, imma l-ewwel trid tagħmel id-dover tiegħek, illi dak li għidt il-Kalkara tiġi tgħidu f'wiċċna hawnhekk ħalli tagħti ċans lilna niddefendu ruħna. Mhux tagħmel kollox minn wara daharna bħalma tagħmel barra minn Malta! F'wiċċna hawn, f'wiċċna, bħalma qed ngħidu f'wiċċek aħna.

ONOR. FENECH ADAMI: Jien nieħu pjaċir, Mr Speaker, li r-rimarka li għamilt jien ittieħdet konjizzjoni tagħha min-naħa l-oħra. Jien għamilt rimarki, per eżempju, fuq armi li nstabu l-Verdala, Bormla, x'sar minnhom, il-kwantità kemm kienu, min kien iżomm iċ-ċavetta ta' dawk l-armi . . . . . . Fuq dawk ħadd ma ħa għalih mid-dehra.

ONOR. DOM MINTOFF: Meta jrid anke fuq din ta' l-armi nagħmlu . . . . . . L-ewwel nagħmlu debate fuq tal-Kalkara, imbagħad nagħmlu debate fuq l-armi u jsemmi Verdala, isemmi fejn irid. Nagħmlu tnejn, nagħmlu tnejn. Qed ngħidlu, l-ewwel nagħmlu debate fuq dak li qal il-Kalkara u nġibu li script ta' dak li għidt inti u noqogħdu fuq il-kelma tiegħek x'għidt, u nagħmlu debate hawn fuq it-television, imbagħad nagħmlu kumitat, dak li qed titlob issa għax aħna m'għandniex għalfejn nistaħbew minn kumitat u mhux kumitat. Imbagħad nagħmlu debate ieħor fuq l-armamenti li qed issemmi inti, Verdala. Aħna nsemmu ta' Hal Qormi, insemmu x'sibnielkom fil-Headquarters, insemmu l-gideb li għidtu barra minn Malta, insemmulek dan kollu. Nagħmlu tnejn, jekk trid, fuq it-television minn hawn, minn dan il-Parlament, minn dan il-Parlament. Għadek m'għadx "Iva".

ONOR. FENECH ADAMI: Jien il-pożizzjoni tiegħi taf x'inhi u m'inhix se niċċaqlaq minnha. Il-pożizzjoni tiegħi taf x'inhi. Jekk l-interess tagħkom m'huwiex li tagħmlu show, imma li toħroġ il-verità, agħmlu kumitat.

ONOR. DOM MINTOFF: Ara aħna bit-television xorta se nagħmluh dan, imbagħad affari tiegħek jekk ma tridx tiġi.

ONOR. JOSEPH CASSAR: Għax ma tlabtx kumitat qabel ma għidt dak id-diskors li għidt il-Kalkara?

# Il-Konferenza ta' Stokkolma dwar id-Diżarm

**Nhar is-Sibt 21 ta' Jannar 1984, il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u Kultura Dr Alex Sceberras Trigona reġa' lura Malta wara li ippresieda fil-Konferenza dwar id-Disarm fl-Ewropa illi bdiet tiltaqa' fi Stokkolma fl-Isvezja nhar it-Tlieta 17 ta' Jannar.**

Malta ppreżentat il-każ tagħha permezz taddiskors li għamel il-Ministru Sceberras Trigona fil-Konferenza. F'dan id-diskors importanti il-Ministru Malti wissa lid-Delegati biex fil-proċess ta' din il-Konferenza m'għandhomx joqogħdu jwebblu lill-popli ta' l-Ewropa b'ħafna tamiet fiergħa, meta kulħadd jaf li, s'issa, ftit li xejn sar dwar is-sigurtà, speċjalment fejn jirrigwarda l-Mediterran.



Il-Ministru Dr A. Sceberras Trigona jindirizza l-Konferenza.

**Il-Ministru qal li filwaqt li fl-1975 f'Helsinki kulħadd intrabat li jnaqqas il-forzi armati, fil-Mediterran rajna żjieda kbira fil-forzi navali u anke nukleari.**

Kien għalhekk li Malta f'Madrid kienet insistiet biex l-avviż minn qabel dwar manuvri jiġi applikat ukoll għall-Mediterran. F'Madrid, Malta insistiet ukoll u rnexxiela tikseb rebħa kbira meta ġie aċċettat li fil-Konferenza ta' Stokkolma jiġi diskuss id-diżarm fil-Mediterran.

Malta mbagħad kienet għamlet rebħa oħra meta fil-laqgħa li kienet saret f'Helsinki, bi tħejjija għall-Konferenza ta' Stokkolma, f'Novembru 1983 kien ġie aċċettat li l-pajjiżi kollha tal-Mediterran jiġu mistiedna biex jitkellmu fi Stokkolma.

"U ħassejtni kburi," qal il-Ministru, "meta sirt naf li t-tmien pajjiżi tal-Mediterran mhux parteċipanti f'din il-Konferenza issa aċċettaw **kollha** li jieħdu sehem fi Stokkolma". Dawn il-pajjiżi huma l-Libja, l-Marokk, l-Alġerija, t-Tuneżija, l-Eġittu, l-Iżrael, il-Lebanon u s-Sirja.

**"Aħna f'din il-Konferenza m'aħniex beħsiebna li nġorru ebda bandiera ta' ebda blokk sakemm din ma tkunx ta' vantaġġ għas-sigurtà fil-Mediterran", qal il-Ministru.**

L-ewwel punt li fuqu Malta qed issostni tul il-Konferenza ta' Stokkolma huwa li Malta se tirreżisti bil-qawwa kollha kull manuvra li tista' ssir li xi armamenti nukleari li hemm bħalissa fl-Ewropa tan-Nofs jiġu stallati fil-Mediterran.

It-tieni punt huwa li Malta se tara kif il-Konferenza taċċetta l-prinċipju li bil-mod il-mod il-Mediterran flok għal skopijiet ta' gwerra jibda jintuża aktar għall-koperazzjoni u s-sliem.

It-tielet punt huwa li l-pajjiżi li għandhom l-armi nukleari jwegħdu u jintrabtu li ma jużawx dawn l-armi kontra l-pajjiżi mhux allinejati tal-Mediterran.

Ir-raba' punt huwa li l-Konferenza ta' Stokkolma trid tagħti l-importanza li tixraq lill-Moviment tal-Pajjiżi Mhux Allinejati li fl-Indja wera l-qawwa kbira tiegħu fid-dinja llum, u li l-pajjiżi Mhux Allinejati tal-Mediterran qed juru determinazzjoni dejjem akbar li sseħħ is-sigurtà u d-disarm fil-Mediterran bl-istess mod kif għandha sseħħ fl-Ewropa.

Matul iż-żjara tiegħu fi Stokkolma il-Ministru Sceberras Trigona kellu taħditiet mal-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni Sovjetika u ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika, ma' dak tal-Jugoslavia, Ċipru u l-Isvezja. Il-Ministru Malti ltaqa' wkoll mal-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin ta' Spanja, Franza, u l-Italja.

**Mal-Ministru Taljan Andreotti, Dr Sceberras Trigona ddiskuta dwar it-twettiq tal-ftehim li l-Prim Ministru Dom Mintoff laħaq mal-Prim Ministru Taljan, Bettino Graxi.**

Dr Sceberras Trigona ltaqa' wkoll mal-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin tal-Bulgarija, taċ-Ċekoslovakkja, tal-Polonja, tal-Ġermanja tal-Lvant u r-Rumanija. Huwa kellu laqgħa wkoll mal-Prim Ministru Svediż Olaf Palme.

# KONTROLL TAL-PREZZIJIET

Il-Gvern Soċjalista Malti qed jaħdem bis-sħiħ biex inaqqas kemm jista' jkun il-prezzijiet ta' oġġetti mibjugħa hawn Malta.

It-tnaqqis fil-għoli tal-ħajja jġib miegħu titjib fil-pagi reali tal-ħaddiema li jibdew isibu aktar flus fil-but x'jonfqu. U dan mingħajr il-bżonn li jkun hemm żjieda fil-paga.

Min-naħa l-oħra, l-għan aħħari hu li l-ispiża tal-produzzjoni lokali tonqos u b'hekk il-prezzijiet ta' l-oġġetti maħdumin f'Malta jibdew ikunu aktar kompetittivi fis-swieq barranin.

B'hekk inkunu nistgħu mhux biss inbiegħu u nesportaw iżjed, iżda wkoll inżidu fin-numru ta' impjiegi.

**Fil-Budget ta' l-1983, il-Gvern kien ħabbar roħs sostanzjali ta' madwar 5% minn fuq il-prodotti importati bil-Bulk Buying. U għal darba oħra din is-sena l-Gvern reġa' ħabbar roħs ieħor sostanzjali fuq dawn l-oġġetti.**

## Is-Settur Privat

L-offensiva li qed jagħmel il-Gvern, minbarra mis-sistema tal-Bulk Buying, tkopri wkoll oġġetti mis-settur privat. Biżżejjed wieħed isemmi r-roħs li kien hemm matul l-aħħar sena fuq il-karozzi li f'ċerti każi kien ilaħħaq għal 20 fil-mija tal-prezz.

**Iżda l-oġġetti li kkonċentra fuqhom il-Gvern matul is-sena li għaddiet kienu jinkludu wkoll oġġetti li normalment jintużaw fid-djar, partikularment 'washing machines', 'refrigerators', 'cookers' u affarijiet simili. Il-prezz ta' dawn niżel b'medja ta' 15 fil-mija**

F'Diċembru ta' l-1982 il-Ministeru tal-Kummerċ ħareġ Ordni Ġenerali tal-Prezzijiet li tirregola l-marġni tal-qligħ kemm għall-importatur u kemm għal tal-ħanut. Din l-Ordni Ġenerali tapplika fejn ma jkunx hemm Ordni Speċifika dwar xi oġġetti partikolari. Għad iridu joħorġu aktar minn dawn l-Ordnijiet Speċifiċi li minnhom diġà ħarġu mijiet. Dawn sejrin ikomplu joħorġu sakemm il-prezz ta' kull oġġett importat jiġi kkontrollat.

Fil-każ li ma tkunx teżisti Ordni Speċifika tal-Prezzijiet, il-kummerċjant, qabel ibiegħ, huwa obbligat li jikseb 'certificate of costings' mid-Dipartiment tal-Kummerċ skond l-Ordni Ġenerali tal-Prezzijiet.

**Dan ifisser li l-kummerċjant għandu l-obbligu bil-liġi li jippreżenta d-dokumenti kollha meħtieġa lid-Dipartiment tal-Kummerċ sabiex dan ikun jista' jikkalkula l-ispejjeż li nefaq il-kummerċjant qabel ma jiffissalu l-marġni tal-qligħ tiegħu.**

## XI OĠĠETTI IMPORTATI MID-DIPARTIMENT TAL-KUMMERĊ LI KELLHOM ROĦS SOSTANZJALI FIL-PREZZ GĦAT-TIENI SENA WARA XULXIN

| Oġġett | Prezz kif kien qabel Lm | Prezz mit-23.12.82 Lm | Prezz mit-2.1.84 Lm |
|---|---|---|---|
| Ċanga tal-Friża | 1.49,0 | 1.43,0 | 1.30,0 |
| Corned Beef (tal-kwart) | 1.28,0 | 1.20,0 | 1.10,0 |
| (landa ta' 340 g) | 43.0 | 41,0 | 38,0 |
| (landa ta' 198 g) | 32,0 | 30,0 | 28,0 |
| Perżut (tal-kwart) | 1.49,0 | 1.43,0 | 1.30,0 |
| Luncheon Meat (tal-kwart) | 65,5 | 64,0 | 58,0 |
| (landa ta' 340 g) | 27,0 | 26,0 | 23,0 |
| (landa ta' 198 g) | 17,0 | 16,0 | 14,0 |
| Tonn taż-żejt (landa ta' 200 g) | 40,0 | 37,0 | |
| (landa ta' 100 g) | 23,0 | 21,0 | 19,0 |
| Kavalli fil-landi (ta' 200 g) | 20,0 | 19,0 | |
| (ta' 156 g) | 10,0 | 10,0 | |
| (ta' 100 g) | 13,6 | 13,0 | |
| Ġobon Cheddar | 90,0 | 86,0 | 80,0 |
| Ġobon tat-Toqba | 1.10,0 | 1.05,0 | |
| Zokkor | 18,0 | 17,0 | 15,0 |
| Kafè Instant (landa ta' 750 g) | 3,70,0 | 3.65,0 | 3.35,0 |
| (landa ta' 200 g) | 96,0 | 92,0 | 90,0 |
| (landa ta' 100 g) | 50,0 | 47,0 | 46,0 |
| (landa ta' 50 g) | 25,0 | 25,0 | 24,0 |
| Te tal-Pakkett (tea bags) | 30,0 | 29,0 | |
| Ħalib tal-Bott (ta' 410 g) | | 18,0 | 17,0 |

## Difensuri tax-Xerrejja

Biex jassigura ruħu li jsir iżjed kontroll tal-prezzijiet ta' l-oġġetti importati mis-settur privat, il-Gvern ħaseb biex id-Difensuri tax-Xerrejja jiġu trasferiti għal mad-Dipartiment tal-Kummerċ. B'hekk, dawk li jiffissaw il-prezzijiet u dawk li jinfurzawhom ikunu jistgħu jaħdmu flimkien.

## Kumitat biex jikkontrolla l-Kwalità ta' l-Oġġetti Manifatturati f'Malta

Sadanittant, id-Dipartiment tal-Kummerċ javża lill-pubbliku li l-kumitat li għadu kemm twaqqaf minn uffiċjali tal-Ministeru tal-Kummerċ u Ippjanar Ekonomiku u tal-Ministeru ta' l-Industrija, biex jikkontrolla l-kwalità ta' l-oġġetti manifatturati f'Malta, beda jwettaq l-ewwel stħarriġ tiegħu fuq diversi prodotti.

Il-pubbliku li jkollu xi lment dwar piż jew kwalità, għandu jċempel l-uffiċjal inkarigat fid-Dipartiment tal-Kummerċ fuq Nru. 607856.

## Oġġetti Maħduma f'Malta

Qasam ieħor fi ħsieb il-Ministeru tal-Kummerċ, b'koperazzjoni mal-Ministeru ta' l-Industrija, huwa dak ta' l-oġġetti manifatturati f'Malta.

**Il-Gvern jemmen li ħafna prodotti manifatturati f'Malta għandu jkollhom prezz orħos minn dak ta' oġġetti importati. Dan għas-sempliċi raġuni li dawn il-prodotti qed ikunu megħjuna mill-Gvern, kultant b'madwar 40%, billi l-materja prima li tiġi importata u li biha jinħadmu dawn il-prodotti qed tiġi eżentata mid-dazju ta' l-importazzjoni.**

## Titjib fil-Kwalità

Minbarra dan, il-Gvern jemmen u jrid li l-kwalità tal-prodotti manifatturati f'Malta għandha titjieb u ma tkunx **qatt** inferjuri għal dik ta' prodotti importati. Jekk dan ma jsirx, allura l-Gvern ma jistax ikun li jibqa' jagħti protezzjoni lill-industriji Maltin li jkunu qegħdin jagħmlu dan l-abbuż.

**Għalhekk, il-Gvern irid li l-prezzijiet tal-prodotti Maltin li jinbiegħu lokalment għandhom jorħsu u jitjiebu fil-kwalità.**

## Import Substitution

Il-Gvern se jkompli jinkoraġġixxi industrijalisti lokali biex jipproduċu prodotti ġodda sabiex dawn jieħdu post dawk importati. Dan sejjer ikompli jagħmlu bi sforz biex jinħolqu iżjed impjiegi.

## L-Iskop tal-Gvern

L-offensiva tal-Gvern sabiex iraħħas il-prezzijiet u jtejjeb il-kwalità ta' l-oġġetti għall-konsumatur, wieħed għandu jeħodha fi spirtu tajjeb kif fil-fatt hu tassew.

Il-Gvern, bl-ebda mod m'għandu xi skop li joħnoq l-importatur privat jew il-produttur lokali.

**Il-Gvern irid iħares l-interessi tan-nazzjon kollu. Permezz tal-miżuri li qed jieħu l-Ministeru tal-Kummerċ, ir-roħs li jirriżulta fil-prezzijiet qed igawdi minnhom il-konsumatur. Mill-banda l-oħra l-iffissar tal-marġni tal-qligħ qed jiggarantixxi qligħ xieraq kemm lill-importatur u kemm lil tal-ħanut.**

# Il-Karta ta' l-Identità

Il-Kummissarju tal-Pulizija jiġbed l-attenzjoni tal-Pubbliku għad-disposizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1975 dwar il-Karta ta' l-Identità li meta xi partikolaritajiet fuq il-Karta ta' l-Identità jinbidlu, il-persuna konċernata għandha tieħu ħsieb li tapplika biex tbiddel il-karta ta' l-Identità tagħha.

F'dan ir-rigward, minħabba li ħafna toroq ġodda ġew imsemmija u oħrajn ingħataw isem ġdid, il-persuni li joqogħdu f'dawk it-toroq li ingħataw isem għandhom jieħdu ħsieb li japplikaw sabiex tinħarġilhom Karta ta' l-Identità ġdida. Fit-toroq li jingħataw isem ġdid qiegħed titwaħħal tabella bl-isem il-ġdid.

Il-persuni konċernati għandhom japplikaw għall-Karta ta' l-Identità fl-Uffiċċju tal-Karta ta' l-Identità, Kastilja, Il-Belt Valletta, mit-Tnejn sal-Ġimgħa, bejn it-8.00 a.m. u n-12.30 p.m.

# IS-SERVIZZI TAS-SAHHA

**DAWN l-aħħar jiem il-Partit Nazzjonalista deherlu li għandu jikkritika s-Servizzi tas-Saħħa taħt Gvern Soċjalista. Il-kritika li ġiet mit-tabib George Hyzler, membru Parlamentari u Ministru Dell ta' l-Oppożizzjoni Nazzjonalista, la jixirqilha u lanqas ser tingħata risposta. Li kieku dan ried verament jagħti l-kontribut tiegħu lill-pajjiż, dan kien imissu għamlu fil-Parlament quddiem il-Kamera tat-Television fis-6 ta' Diċembru, 1983 meta ġew imressqa u diskussi l-Voti tal-Ministeru tas-Saħħa.**



Il-kritika li saret mill-U.H.M. u li taqbel mal-linja li qed jieħdu n-Nazzjonalisti, tiġi mwieġba mill-awtoritajiet kompetenti meta jkun il-waqt. L-iskop ta' din l-istqarrija huwa li tiġi mwieġba l-kritika li dehret fl-editorjal tal-gazzetta tal-Partit Nazzjonalista, l-In-Tagħna ta' nhar it-Tlieta, 31 ta' Jannar, 1984 taħt ir-ras "Is-Saħħa — Eżerċizzju ta' Propaganda".

Dan l-editorjal juri li tal-Partit Nazzjonalista għadhom bl-istess mentalità li kellhom fiż-żmien meta ħaddiem kien ikollu jistenna sentejn/tlieta biex jagħmel operazzjoni fi sptar tal-Gvern, jew inkella jħallas il-belli liri biex issirlu malajr fi sptar privat, żmien meta s-swali fl-Isptar San Luqa kellhom sodod mhux biss fin-nofs imma anke fejn it-'toilets'. Żmien meta l-konsulenti kienu jaħdmu biss 21 siegħa fil-ġimgħa u meta biex tara speċjalista kont trid tistenna xi tliet xhur.

**Hu ta' sodisfazzjon li tal-Partit Nazzjonalista stqarrew li saru 'Proġetti pjuttost kbar tal-Gvern b'ċerti operazzjonijiet delikati u li jeħtieġu apparat sofistikat'. Dawn kienu qed jirreferu għall-operazzjonijiet fuq ir-ras u operazzjonijiet oħra delikati fil-qasam ta' l-għadam, bħalma huma bdil ta' ġogi, operazzjonijiet fuq is-sinsla u oħrajn li qed isiru llum fl-Isptar San Luqa kemm minn speċjalisti barranin ta' fama, kif ukoll minn speċjalisti Maltin.**

L-apparat li bih huwa attrezzat l-Isptar San Luqa hu mill-aktar modern u sofistikat kif stqarrew kemm-il darba pubblikament speċjalisti barranin li ħadmu fih. Apparat li ma jagħmel għajb lill-ebda sptar f'pajjiżi oħra li huma aktar sinjuri u żviluppati minna.

Saret kritika li dawn l-operazzjonijiet qegħdin nagħmluhom Malta biex nifrankaw il-flus. It-tweġiba għal din hija li ma hemm xejn ħażin li f'Malta jsiru operazzjonijiet delikati, li rnexxew kollha, u fl-



**L-istess livell ta' kura li wieħed isib fi sptarijiet ta' pajjiżi sinjuri aktar minn Malta**

istess ħin tfaddal il-flus biex jintefqu għal żvilupp ieħor. Tal-Partit Nazzjonalista fil-ferneżija li qabdithom ħasbu li b'xi mod se jitfgħu xi dubju fuq il-figuri ta' out-patients u operazzjonijiet li ppubblika l-Gvern. Biex jitneħħa kull dubju u b'hekk jidher aktar ċar x'inhu l-iskop tal-Partit Nazzjonalista se tingħata spjegazzjoni ta' dawn il-figuri:

1. **Out-Patients fl-Isptar San Luqa**

   Mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Novembru, 1983 jiġifieri, mhux f'sena iżda fi 48 ġimgħa fl-Isptar San Luqa marru 341,000 Out-patients imqassmin — 91,000 fil-Casualty Out-Patients, 47,000 Out-Patients każi ġodda u 176,000 Out-Patients każi qodma (follow ups). Jiġifieri fl-isptar imorru kull ġimgħa 1,542 pazjent ġdid li jarawhom f'87 Out-Patients sessions. Dan ifisser li kull konsulent jara madwar 18-il pazjent kull 'session' fl-ispeċjalitajiet kollha. Dawn ikunu każi ta' kull kwalità minn kbar u komplikati sa żgħar u sempliċi. Ma' dawn, hemm 3,667 pazjent 'follow-ups' li għalihom hemm 96 'session' tal-Out-Patients, li f'kull 'session' ikun hemm bejn tnejn u erba' tobba. Jiġifieri tnejn jew erba' tobba jkollhom jaraw bejniethom 38 pazjent. Ma niskantawx li n-Nazzjonalisti ma jistgħux jemmnu dawn il-figuri, għax filwaqt li fi żmienhom konsulent kien jaħdem mhux aktar minn 21 siegħa fil-ġimgħa, taħt Gvern Soċjalista dan qed jaħdem bejn 35 u 42 siegħa.

2. **Pazjenti li jidħlu fl-Isptar San Luqa.**

   Iċ-ċifra li kkwotajna ta' pazjenti li daħlu San Luqa fi 48 ġimgħa kienet ta' 45,000, jiġifieri. kuljum jidħlu l-isptar 135 pazjent li jekk jiġu mqassma fit-30 wards li hemm ifisser li kuljum, f'kull ward jidħlu bejn 4 u 5 pazjenti filwaqt li bejn wieħed u ieħor l-istess numru ta' pazjenti jħallu l-isptar kuljum. Ma fiha xejn x'tiskanta li f'ward jidħlu u joħorġu 4 jew 5 pazjenti kuljum meta nafu li llum l-Isptar San Luqa qiegħed jaqdi l-poplu ta' Malta kollha, jiġifieri aktar minn 300,000 ruħ.

3. **Operazzjonijiet li saru fl-Isptar San Luqa.**

   In-numru ta' operazzjonijiet li saru fl-isptar San Luqa fi 48 ġimgħa, u mhux f'sena sħiħa, kien ta' 14,000, jiġifieri — kontra dak li qalu n-Nazzjonalisti — qed isiru 47 u mhux 38 operazzjoni kuljum. Dawn jinkludu kull kwalità ta' operazzjonijiet li jsiru fit-tmien tejatri għall-operazzjonijiet kbar u tlieta oħra għall-operazzjonijiet żgħar. Dan ifisser li f'kull tejatru kuljum isiru madwar erba' operazzjonijiet. Din hi figura li ma tiskanta lil ħadd jekk ma jkunx 'Nazzjonalist', meta wieħed jiftakar li llum, in-numru ta' kirurgi żdied għal 41 u li dawn joperaw każi tul l-24 siegħa għal sebat ijiem fil-ġimgħa. Ma' dawn wieħed irid iżid in-numru ta' kirurgi speċjalisti barranin (Visiting Surgeons), li n-numru tagħhom aktar ma jmur aktar qiegħed jiżdied, li qegħdin jiġu Malta jagħmlu operazzjonijiet sofistikati. Dawn fil-parti kbira tagħhom jużaw it-tejatri ta' l-operazzjonijiet fil-Hdud biex ma jintilifx ir-ritmu ta' matul il-ġimgħa.

Din l-analizi ma tħalli l-ebda dubju f'moħħ il-pubbliku dwar it-titjib li sar fil-qasam tas-Saħħa taħt Gvern Laburista. Ta' min jerġa' jfakkar li taħt Gvern Nazzjonalista biex kont tagħmel operazzjoni tat-tunsilli fl-Isptar San Luqa kont trid tistenna **bejn sentejn u tliet snin**, filwaqt li llum, ħadd ma jistenna biex jagħmel operazzjoni li jkollu bżonn, (jekk mhux għal raġunijiet mediċi), **aktar minn xahar.**

**Rigward il-kwalità ta' servizz b'xejn li qiegħed jingħata llum fl-Isptar San Luqa lil kull pazjent, indipendentement minn kemm għandu flus, jixhduh dawk li ta' kuljum jiktbu jew fil-gazzetti jew lill-Ministeru tas-Saħħa direttament biex jirringrazzjaw lill-Gvern Soċjalista ta' dan is-servizz.**

Fil-waqt li l-Ministeru tas-Saħħa dejjem lest jaċċetta pariri siewja biex b'hekk ikompli jtejjeb is-Servizz tas-Saħħa; il-figuri u l-fatti jitkellmu għalihom infushom. Dawn huma l-akbar ċertifikati għall-Gvern.

# Enerġija Elettrika permezz tal-Faħam



**L-Enemalta mhux biss għamlet u qegħda tagħmel kull sforz biex tipproduċi enerġija elettrika biżżejjed biex tlaħħaq mad-domanda tal-pajjiż, imma wkoll qegħda tagħmel minn kollox biex din l-enerġija tiġi miksuba bl-orħos prezz possibbli.**

### IL-FAHAM

L-użu tal-faħam huwa ferm orħos minn dak taż-żejt. Il-pjan tal-Gvern li juża aktar il-faħam għall-produzzjoni ta' l-elettriku jinsab miexi b'pass mgħaġġel.

Ta' min igħid li dan il-pass għal aktar użu tal-faħam flok iż-żejt qed isir ukoll minn għadd ta' pajjiżi — fosthom anke dawk żviluppati.

### KONSUM TA' L-ENERĠIJA ELETTRIKA

Filwaqt li fl-1971 kienet qed tiġi ġġenerata 115-il megawatt ta' elettriku, fl-1983 din il-figura telgħet għal 187 megawatt. Issa bl-impjanti l-ġodda li jaħdmu kemm bil-faħam u kemm biż-żejt installati fil-Power Station, il-ġenerazzjoni elettrika mistennija li tkun ta' 205 megawatt. Permezz ta' dawn l-impjanti u l-użu tal-faħam, il-konsum taż-żejt sejjer jonqos sostanzjalment — iffrankar lil Kaxxa ta' Malta ta' madwar Lm300,000 fix-xahar.

### EFFETT FUQ L-AMBJENT

Ferm importanti huwa l-fatt li kontra ta' dak li ħafna jaħsbu, is-sistema tal-faħam, jekk titħaddem effiċjentement, ma toħloqx problemi ta' dħaħen iżjed milli joħloq l-użu taż-żejt.

### IMPORTAZZJONI TAL-FAHAM

Fi ftit aktar minn sena l-Korporazzjoni Enemalta importat 102,861 tunnellata metrika ta' faħam. U meta kmieni s-sena d-dieħla jibda jaħdem il-'boiler' il-ġdid, ir-rata tal-faħam li qed tintuża issa sejra tirdoppja.

### 'SILO' GHAL FAHAM

L-użu tal-faħam għal Power Station wassal għal bini ta' 'silo' għal ħażna tiegħu — qrib l-istess Power Station fil-Marsa. F'dan is-'silo' jinħażnu provvisti ta' jumejn u nofs kull darba biex tiġi evitata kull possibilità li xi darba l-makkinarju jkollu xi nuqqas ta' dan il-faħam u b'hekk ma jkunx jista' jaħdem.

### IX-XATT TAL-MENQA

Primarjament, il-faħam jinħatt minn fuq il-vapuri għal fuq il-moll li l-Gvern bena apposta wara li kien rranġa l-Menqa u ħammel id-daħla tagħha sabiex ikunu jistgħu jidħlu vapuri kbar.

### L-ELETTRIKU FIL-HAJJA TA' KULJUM

Tnax-il sena ilu, ras għal ras, il-poplu Malti kien juża 635 unit ta' elettriku. Illum, ras għal ras, qiegħed juża 2000 unit — iżjed minn 3 darbiet aktar.

Dan il-fatt huwa sinjal ċar li l-poplu Malti qed igħix ħajja ferm aħjar milli qatt kien qed igħix qabel; sinjal li l-poplu huwa komdu u għandu l-mezzi biex jixtri u juża aktar apparat li jaħdem bl-elettriku.



**Ix-Xatt tal-Menqa**

MILL-KTIEB

# IL-ĠLIEDA GĦALL-ĦELSIEN

## IL-KWISTJONI TAL-LINGWA

**L-isforzi taż-żewġ partiti għal aktar libertajiet kostituzzjonali kienu mfixkla minn taħwid dwar il-lingwa u l-kultura ta' Malta. Il-kwistjoni tal-Lingwa saħnet f'dawn iż-żminijiet u damet tħawwad l-imħuħ u taqsam lill-Maltin bejniethom sat-Tieni Gwerra Dinjija. Fortunato Mizzi kien igħid li l-Malti kellu siwi biss għal xi erba' studjużi, imma ma kienx il-lingwa li tixraq lill-Maltin. Sigismondo Savona li ma kienx jaqbel ma' Fortunato Mizzi fuq is-siwi tat-Taljan, kien aktar qrib is-sewwa meta qal li għall-Maltin il-Malti "kien barka li wirtu mingħand missirijiethom u kellhom jippreservawh". B'danakollu, Savona nsista li l-Ingliż kellu jidħol flok it-Taljan. Savona qal li l-Ingliż kellu jiġi mgħallem liż-żgħażagħ għax permezz tiegħu kienu jidħlu l-idejat liberali Ingliżi u b'hekk titħaffef it-triq għal forma ta' gvern aktar ħieles.**

Minħabba l-kwistjoni tal-lingwa u l-faqar fl-edukazzjoni, kienet ġiet Malta fl-1878 Kummissjoni li fost ħwejjeġ oħra kellha tistħarreġ x'lingwi kellhom jitgħallmu fl-iskejjel. Il-Kap tal-Kummissjoni, Sir Patrick Keenan, issuġġerixxa t-tagħlim ta' l-Ingliż permezz tal-Malti; il-Malti kellu jissaffa u jidħol it-tagħlim ta' l-Għarbi. Għalkemm forsi kien għadu kmieni wisq, il-Kummissjoni Ingliża, li l-akbar interess tagħha kien l-interessi ta' l-Imperu, ikkummentat li t-Taljan kien għodda f'idejn grupp ta' politikanti li riedu jgħaqqdu Malta ma' l-Italja. Il-Partito Nazionale ta' Mizzi saħaq fuq l-**Italianità** ta' Malta u ġgieled biex it-Taljan jibqa' jżomm postu fil-Qrati, fl-iskejjel u bħala lingwa uffiċjali. Fl-1896 l-Ingliżi emendaw il-liġi biex f'ċerti każi l-Ingliż ikun jista' jintuża fil-Qrati. Is-senat ta' l-Università li seta' joffri reżistenza lill-Ingliżi,ġie xolt u l-amministraturi Ingliżi ħadu kontroll sħiħ ta' l-edukazzjoni. Wara dan inħatret Kummissjoni taħt it-tmexxija ta' l-Imħallef Paolo Debono, li fost oħrajn issuġġeriet li l-Malti kellu jintuża bħala lingwa tat-tagħlim. Għalhekk fl-ewwel sentejn ta' l-iskola l-istudent jitgħallem biss il-Malti mbagħad il-ġenituri tiegħu jagħżlu jekk jitgħallimx l-Ingliż jew it-Taljan.

## OPPOŻIZZJONI FIERGĦA

Fortunato Mizzi u sħabu ma aċċettawx dawn is-suġġerimenti u komplew il-ġlieda favur it-Taljan. F'dan il-perjodu l-ġlieda għal xi forma ta' ħelsien tilfet ħafna mis-saħħa tagħha, u flok ma l-politikanti Maltin qawwew l-għajta għal aktar titjib kostituzzjonali ntilfu f'oppożizzjoni fiergħa. Din kienet ġlieda mbiegħda mill-interessi tal-poplu għax għalkemm sar ħafna tislit fuq il-lingwi li kellhom jiġu mgħallma fl-iskejjel, ftit li xejn sar biex is-sistema edukattiva titjieb u tiftaħ aktar bibien għall-poplu.

Il-Partit ta' Fortunato Mizzi beda juri l-oppożizzjoni tiegħu lejn il-Gvern Ingliż billi ma japprovax il-voti ta' flus li jitressqu fil-Kunsill tal-Gvern fosthom voti għal xogħlijiet pubbliċi, għal sptar ġdid kif ukoll għall-estensjoni tad-drenaġġ. Waqt li kien fuq delegazzjoni f'Londra Fortunato Mizzi talab għal kostituzzjoni bbażata fuq il-linji tas-**Self-Government**. Dan kien il-bidu tas-seklu għoxrin, fejn l-ideja ta' tmexxija interna mill-Maltin bdiet aktar tiċċara. Il-ġlieda kontra l-Gvern Ingliż biex jiġi mħares it-Taljan issoktat u element fil-Partito Nazionale beda jrawwem l-ideja ta' l-**irredentiżmu**, jiġifieri li Malta ssir parti mill-Italja.

Minħabba f'hekk, kif ukoll minħabba li l-amministrazzjoni ma setgħetx taħdem bla flus u fuq kollox biex ma jkollhomx xkiel mill-Maltin, l-Ingliżi irtiraw il-kostituzzjoni ta' l-1887. Fl-1903 ġiet minflokha kostituzzjoni li kienet kopja fidila tal-kostituzzjoni ta' 1849. B'hekk, filwaqt li l-Maltin kienu qed jittamaw għal gvern responsabbli, minħabba l-mezzi li wżaw, kif ukoll naturalment minħabba l-interessi mperjali, l-iżvilupp kostituzzjonali waqaf, fi żmien li l-kolonji Ingliżi l-oħra kienu ġa bdew jakkwistaw aktar ħelsien mill-ħakma diretta Ingliża.

Il-Gvern Imperjali f'Malta kellu disa' siġġijiet minn Kunsill ta' sbatax u filwaqt li tmien membri setgħu jiġu eletti għall-Kunsill tal-Gvern, fil-Kunsill Eżekuttiv, fejn kienet is-setgħa, ma kien hemm ħadd elett mill-Maltin. Il-kwalifiki għall-votanti baqgħu l-istess bħal dawk ta' l-1887 filwaqt li l-Gvernatur żied is-setgħat tiegħu. L-Oppożizzjoni kompliet, imma issa saret aktar dgħajfa. Bejn l-1903 u l-1905, saru sitt elezzjonijiet għax kull darba l-kunsillieri bdew jirriżenjaw. L-għajta kienet "Irridu lura l-Kostituzzjoni tal-1887". Għalhekk nies bħal Ċikku Azzopardi (Partito Nazionale) iddeċidew li jikkoperaw mal-Gvern Ingliż għax permezz ta' hekk (ħasbu huma) l-Ingliżi kienu se jċedu xi ftit mill-poter.

Sadanittant laħaq Nerik Mizzi, it-tifel ta' Fortunato, li bħal missieru offra reżistenza lill-Ingliżi u għożż il-kultura Taljana. Ma' Nerik Mizzi iġġeddedt it-tama fl-ideja romantika tal-**patria** msejsa fuq lealtà lejn il-kuruna imma mserrħa fuq pedament lingwistiku-kulturali Taljan.

## MANWEL DIMECH

Barra l-ħitan tal-Kunsill tal-Gvern kien deher ir-rivoluzzjonarju Manwel Dimech. Permezz tal-gazzetta tiegħu **Il-Bandiera tal-Maltin**, Dimech ried joħloq kuxjenza nazzjonali biex l-ilsien Malti jingħata l-ġieh mistħoqq u biex il-Maltin ma jibqgħux fit-triq tad-dlam tal-kolonjaliżmu. Filwaqt li Fortunato Mizzi xtaq Malta nazzjon b'rabtiet ma' "ommha" l-Italja, u filwaqt li Savona kien joħlom f'amministrazzjoni benevolenti Ingliża, Dimech qabad it-triq ta' għadab kontra l-ħakkiema barranin. Huwa beda juri l-korruzzjoni fl-amministrazzjoni u ħeġġeġ lill-Maltin jingħaqdu f'Xirka li xxejjen l-injoranza u tbatti l-faqar u biex il-poplu jmexxi lilu nnifsu.

"Nixtieqlu li l-poplu Malti jsir jobgħod il-jasar u jħobb il-ħelsien", kiteb Dimech fil-**Bandiera tal-Maltin** (20.9.1902), "Nixtieqlu li l-Maltin jintebħu bil-ħażen ta' l-għedewwa tagħhom u ma jħallu lil ħadd, la gvern, la Maltin oħra, la min jilbes qalziet u ġlekk, la min jilbes ċoqqa, u anqas min jilbes suttana jqarraq bihom". Dimech għaqqad il-ħtieġa ta' ħelsien politiku ma' dak ekonomiku u soċjali: il-faqar ried jinqered u ma kienet tiswa xejn kostituzzjoni ħielsa kemm-il darba jibqgħu jsaltnu l-faqar u l-injoranza. Iżda Dimech ġie attakkat bl-aħrax minn dawk li kellhom il-qawwa u ħassewhom mhedda minn dawn l-idejat.

Fost ħwejjeġ oħra sostna li l-mara jkollha l-istess jeddijiet bħar-raġel u li tieħu sehem attiv fl-oqsma tal-ħajja. Idejat bħal dawn ġabu fuqu l-qilla ta' min kien jibża' mill-bidla soċjali.

Ix-Xirka u l-**Bandiera tal-Maltin** ġew ikkundannati u Manwel Dimech skumnikat mill-Knisja. Il-poplu tqarraq u fl-1912 f'Ħal Qormi Dimech ġie mħaġġar u mitluq għal mejjet. Sentejn wara, fl-1914 Dimech ġie eżiljat mill-Ingliżi lejn l-Eġittu. Minn hemmhekk qatt ma ġie lura lanqas wara li spiċċat il-gwerra, minħabba l-oppożizzjoni kbira tal-kleru.

Meta faqqgħet l-Ewwel Gwerra l-amministrazzjoni Ingliża kienet aktar medhija fuq kontrolli ta' l-ikel u d-duwa tas-suldati feruti miġjuba Malta milli fuq riformi kostituzzjonali. B'danakollu l-Ingliżi qagħdu attenti li xejn ma jdgħajjef il-preżenza tal-Kuruna f'Malta. Meta fl-1917 Nerik Mizzi għamel diskors fil-Kunsill tal-Gvern meqjus mill-Ingliżi bħala "disloyal" dan ġie arrestat u mtella' quddiem Qorti Marzjali. Il-Qorti kkundannatu sena ħabs iżda s-sentenza ġiet mibdula fi twiddiba.

## L-ASSEMBLEA NAZZJONALI

Kif spiċċat il-gwerra, il-qgħad f'Malta kiber għax tkeċċew minn mas-Servizzi Ingliżi madwar 15,000 ruħ. Il-ġlieda politika li kienet maqtugħa mill-poplu issa bdiet tidher li se tieħu xejra oħra, u l-poplu nnifsu beda jara li kellu l-ġlieda tiegħu x'jiġġieled. Dan ma jfissirx li l-massa tal-poplu irnexxielha tieħu post il-klassijiet professjonisti/kummerċjali fl-oppożizzjoni kontra l-Ingliżi, imma ż-żerriegħa ta' oppożizzjoni popolari għall-Ingliżi kienet qiegħda tinbet. L-inizjattiva baqgħet għal waqt f'idejn il-klassijiet tal-professjonisti u tal-kummerċjanti. Fit-23 ta' Novembru 1918 it-Tabib Filippu Sceberras għamel appell biex issir laqgħa nazzjonali biex il-Maltin jiksbu kostituzzjoni aktar liberali. Għal din il-laqgħa — imsejħa l-Assemblea Nazzjonali — ġew mistiedna nies minn kull qasam f'Malta: il-kleru, in-nobbli, il-professjonisti, baned u kumpaniji tat-tejatru kif ukoll xi rappreżentanti tal-ħaddiema. L-għan tal-laqgħa kellu jkun pjan għat-talba ta' l-"awtonomija".

X'kienet din l-awtonomija? Il-moviment għall-awtonomija kien qabad sew fil-Kolonji Ingliżi, speċjalment fl-Indja fejn Gandhi beda joffri reżistenza qawwija lill-Ingliżi tant li f'Marzu tal-1919, l-Indjani qamu imma sfaw vittma ta' l-isparar mis-suldati Ingliżi. Il-ġurnata tal-"hartal"fl-Indja baqgħet ġurnata ta' luttu nazzjonali bħala simbolu tar-reżistenza lill-Ingliżi.

## IS-SETTE GIUGNO

Ġrajja li tixbaħ lil din saret f'Malta fis-7 ta' Ġunju ta' l-1919. Dak in-nhar, il-kotra għadbet fl-irvellijiet magħrufa bħala s-**Sette Giugno**. Il-kotra ftit li xejn kienet imħejjija għall-ġlieda politika — l-illitteriżmu kien qawwi u wieħed ftit jista' jistenna li l-klassi tal-ħaddiema kienet politiċizzata. Imma fit-tarzna ġa kien beda jinbet element politiku. Wara l-irvellijiet, ħaddiem tat-tarzna, ċertu Carmelo Amato, qal lill-kummissjoni ta' inkjesta li l-ħaddiem kien minsi u li anki fl-aħjar kostituzzjoni, dik ta' l-1887, il-ħaddiem kien minsi u l-poter ingħata biss lil ċerti sezzjonijiet biss tas-soċjetà. Amato żied li għalkemm il-ħaddiema riedu jieħdu sehem fil-politika dan ma jfissirx li kienu Bolxevisti, kif kienu qed jiddeskrivuhom l-awtoritajiet ekkleżjastiċi. Fl-irvellijiet tas-**Sette Giugno** ċċarrtet il-bandiera Ingliża, inħarqet id-**Daily Malta Chronicle**, gazzetta li kienet taqdi l-politika Ingliża, u ġew attakkati stabbilimenti tal-proprjetarji ta' l-imtieħen tal-qamħ. L-irvellijiet ħallew il-vittmi tagħhom, li ma kinux la professjonisti u lanqas negozjanti, iżda erba' ħaddiema: Manwell Attard, Ġużeppi Bajada, Wenzu Dyer u Karmnu Abela.

L-irvellijiet ħasdu lill-Gvernatur li ta' sikwit kien ifakkar li għalkemm kien hemm ferment qawwi fost il-klassijiet professjonisti l-biċċa l-kbira tal-Maltin kienu lejali lejn il-kuruna. Is-**Sette Giugno** ma kisibx għal Malta l-Gvern responsabbli, imma l-irvellijiet bla dubju ħaffu l-proċess għall-għoti tal-kostituzzjoni ta' l-1921.

## SELF-GOVERNMENT

M'hemm l-ebda dubju li l-Assemblea Nazzjonali kienet il-fattur ewlieni għal kisba ta' din il-kostituzzjoni. Iżda għalkemm kulħadd kien ta sehmu u mhux l-inqas dawk li ħallew ħajjithom, il-kostituzzjoni l-ġdida ma kinitx imfassla biex tqawwi s-sehem tal-poplu fil-politika Maltija. L-'Amery Constitution', kif hi magħrufa l-kostituzzjoni ta' l-1921, (il-kostituzzjoni tas-**Self-Government**), kienet taqsam il-poter. L-ewwelnett kien hemm firda bejn il-"Gvern Malti" u l-"Gvern Imperjali" biex il-"Gvern Malti" ma jindaħalx f'materji meqjusa bħala interessi Ingliżi. Imbagħad ir-rappreżentanti Maltin kienu maqsumin f'żewġ kmamar — kien hemm is-Senat u l-Assemblea Leġislattiva. Fuq is-Senat kien hemm membri 'speċjali' u dawk 'ġenerali'. Il-membri 'speċjali' kienu jirrappreżentaw lin-nobbli, lill-gradwati ta' l-Università, lill-Kamra tal-Kummerċ, lill-kleru u lill-Kunsill tat-Trade Unions. Il-membri 'ġenerali' setgħu jitilgħu mill-kleru, mill-gradwati, mill-kummerċjanti jew inkella minn fost dawk li kellhom dħul ta' £100 fis-sena jew kienu jħallsu f'kera l-ammont ta' £50. Għall-membri 'ġenerali' setgħu jivvutaw biss dawk kollha li kellhom dħul ta' £20 fis-sena jew kienu jħallsu dan l-ammont f'kera.

Min-naħa l-oħra, it-32 membru ta' l-Assemblea Leġislattiva setgħu jiġu eletti minn votanti li kienu għalqu l-21 sena u li kienu jafu jaqraw u jiktbu u li kellhom renta ta' £5 fis-sena u kienu jħallsu £5 fis-sena kera.

Barra l-ħolqien ta' żewġ kmamar tal-Parlament, l-Kostituzzjoni ta' l-1921 kienet tipprovdi s-sistema ta' voti plurali. Din kienet sistema li permezz tagħha, persuna seta' jkollha aktar minn vot wieħed. Għalhekk bniedem li kellu l-proprjetà f'aktar minn distrett wieħed, kien jivvota f'dawk id-distretti kollha fejn kellu l-proprjetà.

Minn dan li għedna jidher li l-Kostituzzjoni ta' l-1921 kienet ibbażata fuq proprjetà li wieħed kellu u wkoll minn liema klassi wieħed kien jiġi. Filwaqt li proprjetarju seta' jkollu sitta jew seba' voti, ħafna Maltin ma kellhom lanqas vot wieħed.

Il-Kostituzzjoni tas-**Self-Government** kienet taqsam tajjeb il-poter bejn is-Senat u l-Assemblea Leġislattiva, kif ukoll bejn il-Gvern Ingliż u l-Gvern Malti elett, fuq is-sistema li semmejna.

Ikompli f'ħarġa oħra





# SERJE TA' KOTBA "ĠRAJJA TA' POPLU"

**Is-serje ta' kotba "Ġrajja ta' Poplu" hija pubblikazzjoni oħra tat-Taqsima tat-Tagħrif, Kastilja.**

**Dawn il-pubblikazzjonijiet jistgħu jinxtraw mit-Taqsima tat-Tagħrif, Kastilja, bil-prezz ta' 50 ċenteżmu kull pubblikazzjoni.**












**IL-GVERN SOĊJALISTA MHU SE JAGĦLAQ L-EBDA SKOLA PRIVATA**

**IL-GVERN LEST LI JERFA' L-PIŻ TA' DAWK L-ISKEJJEL LI JINGĦALQU BI SFIDA**

**IL-GVERN LEST LI JIDDISKUTI BISS KIF SE JITWETTAQ IL-PRINĊIPJU TA' TAGĦLIM B'XEJN GĦAL KULĦADD**

**L-F.P.T.A. QED THARES L-INTERESSI TAL-KNISJA U MHUX TAL-ĠENITURI**

**GĦALFEJN L-ORFNI U T-TFAL FL-ISTITUTI TAL-KNISJA JINTBAGĦTU FL-ISKEJJEL TAL-GVERN U MHUX FL-ISKEJJEL TAL-KNISJA?**

Ippubblikat mit-Taqsima tat-Tagħrif — Stampat fl-Istamperija tal-Gvern